# QREMPUĊU F'BELT IL-ĠOBON

Ilbieraħ filgħaxija Qrempuċu kien fis-sodda u ma setax jagħlaq għajn m'għajn. Imbagħad ħa ġobna u reġa' pprova jorqod. F'daqqa waħda, irnexxielu jorqod u ħolom ħolma sabiħa.

Immaġina li hu kien ġo daru u xi ħadd ħabbatlu l-bieb. Qrempuċu mar jara min kien ġie u xħin fetaħ il-bieb ma sab lil ħadd ħlief karta li tgħid "Ħares 'il fuq" u hekk għamel. Meta ħares lejn is-sema, ħass lilu nnifsu tiela' 'l fuq u kollox qed jiġi ġobon. Malli ġie ogħla mis-sħab seta' jimxi fl-arja. Mill-bogħod ra lill-qamar ikellmu, resaq lejh u għannqu. Mat-tgħanniqa xamm riħa ta' ġobon u nduna li l-qamar kien magħmul mill-ġobon li tant kien iħobb hu. Qrempuċu beda jaħtaf il-biċċiet tal-ġobon u kważi kiel il-qamar kollu. Kien għad fadal biċċa waħda biss u għalhekk ħatafha f'daqqa u belagħha.

Qrempuċu ma ndunax li beda nieżel għax kien moħħu biex jilgħaq subgħajh. F'radda ta' salib, intebaħ li qed jaqa' lejn Malta. Qrempuċu werżaq imma kien għalxejn għax ħadd ma kien se jsalvah! Imbagħad malli werżaq waħda sewwa, qam maħsud u ġo qalbu qal li kienet l-isbaħ ħolma li qatt ħolom.